**Reġjun Tramuntana**
**112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617**
**Email:** regjun-tramuntana.dlg@gov.mt **Tel:**+35621572770

**Laqgħa Reġjonali Nru. 15 ta' 2024, miżmuma nhar il-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana**.

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | L-Imġarr | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Il-Mellieħa | Membru |
| • Dale Hayman | L-Imtarfa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv | |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Gabriel Micallef | Il-Mellieħa | Membru |
| • Christopher Deguara | In-Naxxar | Membru |

AĠENDA

**1.** Ittri ta' Apoloġija
**2.** Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.14
**3.** Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
**4.** Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
**5.** Aġġornamenti u diskussjoni;
  5.1 Aġġornament dwar is-servizz tal-ġbir ta’ l-iskart
  5.2 Aġġornament ta’ flus dovuti lir-Reġjun Tramuntana
  5.3 Tiġdid ta’ kuntratti ta’ *Bring in Sites*
  5.4 Aġġornament Edizzjoni Bollol tar-Reġjun
  5.5 Aġġornament Proġett Mużikali – Dr. Lydia Buttigieg
  5.6 Aġġornament Pledge lill Malta Community Chest Fund – ktieb *Colours of the North*
**6.** Business Plan 2024 – 2028 (Abbozz)
**7.** Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024
**8.** Affarijiet oħra
**9.** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;
**10.** Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindki s-Sur Stefan Cordina, id-Dott. Christopher Deguara u is-Sur Gabriel Micallef talbu biex ikunu skużati minħabba impenji oħra. Il-kunsillier Aiken Żerafa attenda il-laqgħa bħala delegat fl-assenża tas-Sindku Joseph Gatt.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.14**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru. 14 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.Is-Sindku Perit Ċensu Galea irrimarka li kien staqsa dwar il-kwistjoni tal-ittra tal-iskart, u ġie miftihem li din ir-rimarka ser tinkiteb f’dawn il-minuti taħt il-punt numru 4.

Il-Kunsillier Norbert Dalli provda aktar informazjoni fuq il-minuti numru 14 *punt numru 3.12 Wied Għomor, San Ġwann* fejn informa li wara laqgħa li saret ma Reġjun Lvant, il-kunsill Lokali ta’ San Gwann enfasizza bil-qawwa kollha li mhuwiex ser jippermetti ebda intervent fil lokalita tiegħu mingħajr permess mill-istess kunsill.

Fuq proponiment tal-President Clifford Galea, issekondata mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

3. **Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament dwar COP29-Azerbaijan**

Il-President ħa sehem fil Cop29 ġewwa l-Azerbaijan fejn irrappreżenta lir-Reġjun f’diversi laqgħat u workshops.

**3.2 Il-Kas Numru OMB-24-4943 – Ingagg ta' Manager tal-Kultura**

Bħala aġġornament rigward l-ilment ippreżentat mis-Sur Mario Camilleri, li attenda għall-intervista għas-sejħa tal-pożizzjoni ta' Cultural Manager f'Mejju 2024 ir-reġjun ingaġġa is-servizzi ta' Dott. David Bonello għal l-assistenża f'dan il-każ quddiem l-Ombudsman.

Saret laqgħa mal-president u is-segretarju Eżekuttiv , fejn Dott. Bonello ġie infurmat b'mod sħiħ dwar il-kwistjoni. Id-dokumentazzjoni kollha relevanti ġiet mgħoddija lil Dott. Bonello, u ser issir laqgħa nhar it 18 ta' Diċembru bejn ir-rappreżentant tar-Regjun Dott. Bonello u ir-rappreżentanti ta l-Ombudsman

**3.3 Talba ta' Għajnuna – Kunċert tal-Milied -Mġarr**

Waslet talba għal għajnuna finanzjarja mingħand is-Sur Caruana, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011, għal somma ta' €300. Din l-għajnuna hija maħsuba għall-akkwist ta' tokens li se jingħataw bħala ġest ta' ringrazzjament lill-parteċipanti fil-Kunċert tal-Milied fid-Djar.

L-organizzazzjoni intalbet biex timla formola, kif mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv, billi tipprovdi d-dettalji kollha meħtieġa.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li din l-għajnuna tiġi mgħotija. Ġie diskuss ukoll li mis-sena d-dieħla dawn it-tip ta' talbiet għandom jikkunsidrawhom il-Kunsilli rispettivi tal-lokalita u mhux ir-Reġjun.

**3.4 Municipal Waste Europe**

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lil Municipal Waste Europe li ma kienx se jiġġedded il-ħlas tas-sħubija għas-sena li ġejja, is-Segretarju Ġenerali ta' din l-għaqda internazzjonali, Ms. Vanya Veras, ċemplet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tifhem x'kienet il-motivazzjoni wara din id-deċiżjoni. Il-mizata attwali hija ta' €3426.57 fis-sena.

Wara diskussjoni estensiva ma' Ms. Vanya Veras, is-Segretarju Ġenerali tal-organizzazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Bonello, ippropona li Municipal Waste Europe tgħin fl-organizzazzjoni ta' konferenza nazzjonali lejn Mejju 2025. Fl-istess perjodu, isir il-laqgħa ġenerali ta' Municipal Waste Europe hawn Malta fir-Reġjun. L-idea wara din il-proposta kienet li r-Reġjun jieħu benefiċċju tanġibli mill-mizata li jħallas, filwaqt li tiġi kkuntattjata l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tkun hi l-*contact point* nazzjonali għal Municipal Waste Europe. Dan ikun ifisser li l-piż jinqasam bejn il-Kunsilli Lokali kollha u r-Reġjuni f'Malta u Għawdex.

B'mod ġenerali, Ms. Veras qablet ma' din il-proposta u impenjat ruħha biex tiprezentha quddiem l-assemblea ta' Municipal Waste Europe.

**3.5 Għeluq tal-iskema tal-ħarsien tal-annimali – Animal Welfare Scheme**

Ġejna infurmati li l-Animal Welfare ħarġet tender għall-isterilizzazzjoni tal-qtates u se tkun ukoll qed tuża wieħed mill-veterinarji li qabel kellu ftehim ma' Regjun Tramuntana. Fid-dawl ta' dan, u meta wieħed iqis li l-fondi allokati għall-imsemmija servizzi ġew użati, Regjun Tramuntana mhux se jġedded dan is-servizz għas-sena d-dieħla.

**3.6 Avveniment Team Building tal-Milied**

Il-President fakkar lill-membri preżenti li ntbgħat invit għal avveniment ta’ team building tal-Milied li ser isir fil-11 ta’ Diċembru 2024 fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Il-laqgħa li jmiss ser issir ukoll qabel dan l-avveniment fil-ħamsa u nofs il-kunsill Lokali tal-Imġarr.

**3.7 RIGHTS – Kunsill tat-tfal**

Ġew preżentati il-minuti tal-laqgħa tal-kunsill tat-tfal li saret fil 15 ta’ Ottubru 2024

**3.8 Avvenimet filantropiku u ta’ community engagement. Franciscan Welfare Association/Diakonija**

Wara komunikazzjoni li saret ma’ kull Kunsill u ħafna parroċċi fi ħdan ir-Reġjun, ġejna avviċinati mid-Djakonija (Qawra) u l-parroċċja ta’ Ħal Balzan għall-appoġġ. Ir-Reġjun jemmen li l-ispirtu tal-Milied huwa mument fejn iżjed minn oħrajn nuru solidarjetà. Dan ukoll jinkwadra fil-ħidma tar-Reġjun biex jimplimenta l-miżuri tas-social impact assessment u joħloq għarfien dwar il-Kunsilli Lokali u r-Reġjun.

Bħalissa, id-Djakonija qed tqassam madwar 60 *food hamper* fil-ġimgħa, li huma magħmula minn għaxar prodotti essenzjali ta’ ikel.

Ir-Reġjun għamel sejħa lin-negozji u lill-importaturi tal-ikel, fost oħrajn, biex ikun jista’ jipprovdi 100 hamper. Xi importaturi weġbu b’ġenerożità, billi taw prodotti b’xejn jew bi prezzijiet imnaqqsa. Dawn il-prodotti se jiġu mgħoddija lill-għaqda Franciscan Welfare - Djakonija fil-21 ta’ Diċembru, meta fil-kripta tal-Knisja tal-Qawra se jsir festin għat-tfal ta’ dawn il-familji fil-bżonn.

Il-membri tal-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna biex jattendu, speċjalment dawk ta’ San Pawl il-Baħar.

Rigward l-ikla ta’ Ħal Balzan, l-organizzaturi ser ikunu qed jagħmlu kuntatt magħna fil-jiem li ġejjin.

**3.9 Fondazzjoni għal konservazjoni tan-Naħla Maltija - Insett Uniku: Ngħarblu x’qalulna**

Il-Fondazzjoni għal konservazjoni tan-Naħla Maltija rringrazzjat lir-Reġjun Tramuntana għas-sapport fil-kampanja li għenet biex in-Naħla Maltija ġiet rikonoxxuta bħala l-Insett Nazzjonali ta’ Malta. Bħala parti minn proġett iffinanzjat mill-SIS, il-Fondazzjoni qed torganizza tliet laqgħat komunitarji. Reġjun Tramuntana laqa’ t-talba biex jospita waħda minn dawn il-laqgħat, li se ssir fiċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni, Ġnien l-Istazzjon, Ħ’Attard fid- 29 ta’ Novembru 2024 fil-ħamsa u nofs ta’ filghaxija. Il-laqgħa, dwar "Insett Uniku: Ngħarblu x’qalulna," tinkludi diskussjoni, u riċeviment żgħir wara is-sessjoni.

**3.10 Ċerimonja – Malta Libraries**

Ser issir ċerimonja żgħira fil-librerija ta’ Ħ’Attard sabiex jiġi iffirmat il-ftehim ta’ kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli lokali fi ħdan ir-Reġjun u il-Malta Libraries. Din iċ-ċerimonja ser issir fiċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni, Ġnien l-Istazzjon, Ħ’Attard. Id-data preliminari hija it-18 ta' Diċembru bejn il-14:00 u l-16:00. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat stedina lis-sindki u is-Segretarji Eżekuttivi biex jagħtu l-preferenzi u d-disponibilità tagħhom dwar id-data u sissa ma rricevejnix ir-risposti kollha.

**3.11 Proġett Ewropew – LIFE EUCF**

Ser terġa' ssir applikazzjoni biex nieħdu fondi għar-riċerka li ser tkun ta' benefiċċju għal kunsilli lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif din l-applikazjoni diġa ġiet sottomessa iżda ma ġietx milqugħa għal ftit punti biss. Ser isiru laqgħat mal-MIEMA biex ikun hemm ċans akbar ta' suċċess għal din l-applikazzjoni tal-fondi Ewropej.

**3.12 Mudell Tal-Ghaqba Windmill**

Irċivejna korrispondenza mingħand Luke Scicluna li qed jagħmel kors ta' Masters fl-arkitettura fejn qed jitlob jekk ir-Reġjun ikunx interessat jakkwista mudell tal-Mitħna tal-Għaqba 3D fin-Naxxar għas-somma ta' €160 + VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv talab aktar informazzjoni dwar il-qisien ta' dawn il-mudelli u jekk kienx biħsiebu jagħmel aktar mudelli simili ta' siti storiċi jew importanti fil-lokalitajiet oħra fi ħdan ir-Reġjun.

Is-Sur Scicluna rrisponda fejn qal li qed jagħmel mudelli tat-Torri ta' Sant'Agata, Mellieħa u l-Knisja tal-Manikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jesplora il-possibilta li jkun hemm wirja ta' dawn il-mudelli li jkopru il-lokalitajiet kollha fi ħdan ir-reġjun

**3.13 Għajnuna lill-persuni bl-awtismu u l-ADHD (Neurodivergent conditions)**

Minħabba li jidher li ma tantx hemm servizzi ta' għajnuna għal persuni bil-kundizzjonijiet ta' awtiżmu u ADHD fin-naħa ta' fuq ta' Malta, ser issir konsultazzjoni ma' għaqdiet ta' ġenituri u persuni b'din il-kundizzjoni, flimkien mal-awtoritajiet, biex tiġi diskussa l-possibbiltà li jiżdiedu dawn is-servizzi fir-Reġjun Tramuntana.

**3.14 Social Determinants of Health (SDH) Unit**

Ser issir laqgħa ma raprezentanti ta' Social Determinants of Health (SDH) Unit nhar is 16' ta' Diċembru 2024 filgħodu.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Perit Ċensu Galea staqsa dwar il-progress tal-ittra ta l-iskart fl-ingwi varji li kellha tigi ċċirkulata lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba li l-istampar ta' din l-ittra ser jiswa madwar €22,000 qed jsir aktar konsiderazjoni ta' kif din l-ispiża ser tiġi ffinanzjata jew imqasra l-ittra.

Is-Sindku Perit Ċensu Galea talab sabiex tintbgħat l-informazzjoni kollha, kif ukoll il-bżonnijiet tar-Reġjun Tramuntana marbutin maċ-ċentru ċiviku pjanat li jinbena f'San Pawl il-Baħar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-informazjoni kollha relata diġa ngħatat. Għalkemm ir-reġjun biħsiebu iżied l-impjegati, l-istess arranġament ta' ċirka 350 metru kwadru li jakkomoda kemm l-uffiċju aministrattiv u t-tribunal għandu jkun biżejjed.

Il-Kunsillier Aiken Żerafa preżenta kwotazjoni waħda għal talba ta' għajnuna minn għand ir-reġjun sabiex jiġu mħawlin siġar ġodda. Il-Kumplament tal-membri urew ix-xewqa li huma ukoll jibenifikaw minn din l-għajnuna. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar l-informazjoni mill-membri preżenti u din it-talba ser tiġi kunsidrata wara li jinġabru l-kwotazjonijiet kollha neċċesarji.

## 5. Aġġornamenti u diskussjoni

### 5.1 Aġġornament dwar is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart

Fix-xhur li għaddew saret analiżi dettaljata ta' diversi aspetti relatati mal-ġbir ta' skart fir-Reġjun. Dan sar minħabba diversi nuqqasijiet li kien hemm, u qed naħdmu biex nindirizzawhom qabel is-sena l-ġdida. Fost dawn in-nuqqasijiet hemm dawn li ġejjien:

- Il-gps kif ukoll il-cameras għadhom mhumiex funzjonabbli u ir-Reġjun ghadu ma ghandux access shieh tas-sistema kif obligat fil-kuntratt.
- Kuntratturi privati kienu mnizzla li qedin ibatlu il-wasteserv f'isem ir-Reġjun (ġiet riżolta wara laqgħa li saret mal-WasteServ Ltd, fejn ingħatat lista ta' vetturi awtoriżżati)
- Ma kienx hemm rendikont tal-ġbir ta' ħġieġ u skart organiku minn Ħ'Attard fl-2023
- Dħul ta' tbattil ta' skips minn tnejn sa' Ħadd ġewwa l-Wasteserv
- Qiegħed ikun hemm rottot ulterjuri minn lokalitajiet oħra flimkien mal-ġabra mil-lokalita ta' San Ġwann, fosthom San Ġiljan u Swieqi li jagħmlu parti mir-reġjun Lvant.

Is-Segretarju kien diġà bagħat lista ta' skips li l-kuntrattur qal li qed ibattal fir-Reġjun, u wara l-għajnuna ta' diversi membri fi ħdan il-Kunsilli, din il-lista għadha qed tiġi aġġornata. Ġie rilevat li l-ammont ta' skips imniżżla mill-kuntrattur kien iżjed minn dak li ġie verifikat fuq il-post.

Saret ukoll spezzjoni fejn il-Waste Manager ġie mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv biex jakkompanja lix-xufier tat-trakk waqt ir-rotta ta' San Pawl il-Baħar. Spezzjonijiet simili ser isiru sa l-aħħar tas-sena biex ikopru kull *waste stream* u kull rotta fi ħdan ir-Reġjun. Intbagħtet email għal din ir-raġuni, u r-rispons kien wieħed pożittiv, imma r-Reġjun jibqa' miftuħ għal dawk kollha li jixtiequ jgħinu għal dan il-għan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jagħti informazzjoni dwar x'inhu magħruf s'issa u x'ser jiġri minn issa 'l quddiem.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ftit qabel bdiet il-laqgħa r-reġjun irċieva imejl minn għand id-Dipartiment tal-Kuntratti li biex ir Reġjun jikkomunika mal-kuntrattur dwar penali u l-imposizzjoni ta' l-istess penali skond il-kuntratt dan irid isir biss wara approvazzjoni mil-istess dipartiment

### 5.2 Aġġornament ta' flus dovuti lir-Reġjun Tramuntana

Qed noqorbu lejn l-aħħar tas-sena, u filwaqt li r-Reġjun jifhem li xi Kunsilli għaddejjin minn żmien diffiċli, huwa tajjeb li l-ħlasijiet dovuti, speċjalment il-pagamenti ta' qabel is-sena 2024 relatati ma' skart u spejjeż oħra, jiġu miġbura biex kemm il-Kunsilli kif ukoll ir-Reġjun ikunu jistgħu joperaw fl-aħjar mod.

Wara reviżjoni dettaljata mill-istaff tar-Reġjun, jidher li l-ħlas dovut lir-Reġjun huwa iżjed minn miljun Ewro, bi ħlasijiet li jmorru lura sa mill-2019. Ir-Reġjun qed jibgħat notifiki biex jinġabar dan il-ħlas dovut u niskużaw ruħna għal din l-inkonvenjenza li sfortunatament inħolqot għax ma kinux jinżammu prattiċi ta' xogħol adegwati.

Ir-Reġjun Tramuntana qed jagħmel eżerċizzju fejn ser jiffoka iżjed fuq dawk il-funzjonijiet li joħorġu minn obbligi tal-liġi u qed jagħmel eżerċizzju ta' tnaqqis ta' spejjeż kif ser jiġi muri mis-Segretarju Eżekuttiv.

**5.3 Tiġdid ta’ kuntratti ta’ *Bring in Sites***

Is-Segretarju Eżekuttiv prepara xi kummenti fuq il-kuntratti ta’ tiġdid tal-bring-in sites u bagħat reviżjoni sħiħa li tinkludi skeda ta’ penali biex jiġu mnaqqsa piżijiet li dawn is-siti ġabu fuq il-kunsilli lokali. Dan wara li ġie mistoqsi l-opinjonijiet tar-Reġjun f’dan ir-rigward. Qed jiġi mitlub jekk hu possibbli li kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikollu kuntratt bl-istess kundizzjonijiet biex il-proċess ikun armonizzat. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li dan il-kuntratt ser jiġi kunsidrat iżda ġie miftiehem ukoll li fl-ebda ħin m’hi ser titneħħa l-awtonomija tal-kunsill.

Se tiġi ċċirkolata kopja bħala gwida u għall-kummenti tagħkom.

**5.4 Aġġornament Edizzjoni Bollol tar-Reġjun**

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat talba biex kull Kunsill jindikawlu siti ta’ importanza li jirriflettu l-identità tal-lokalità, qed tiġi ppreżentata lista tal-iktar tliet siti popolari mir-risposti li rċevejna f’kull lokalità.

Qed jiġi mitlub li tittieħed deċiżjoni fuq liema minn dawn is-siti għandhom jagħmlu parti mis-set ta’ bolol tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jintgħażlu tlett lokazzjonijiet u jitmexxa dan.

**5.5 Aġġornament Proġett Mużikali – Dr. Lydia Buttigieg**

Saret laqgħa mad-Dama Dr. Lydia Buttigieg fejn ġie diskuss l-għajnuna li ġiet imwiegħda. F’din il laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv iddiskuta modi differenti ta’ għajnuna minn dak li kien propost oriġinarjament. Dan jinkludi video dwar l-iżvilupp ta’ din il-ġabra ta’ kanzunetti ta’ Walt Disney, kunċerti żgħar fil-lokalitajiet tar-Reġjun, avveniment ta’ Launch li fih jieħdu sehem animaturi u atturi libsin kostumi tal-epoka, li intlaqa’ tajjeb ħafna minn Dr. Buttigieg.

Dr. Buttigieg flimkien mal-Vjolinista Edwina Cini qablu li jinformaw lir-Reġjun wara li jippjanaw sew meta ser isiru dawn l-attivitajiet u fejn, sabiex wara jsir stima tal-ispejjeż involuti. Il-ħsieb huwa li dan il-proġett ikun parti minn attivitajiet kulturali fi ħdan ir-Reġjun.

**5.6 Aġġornament Pledge lill Malta Community Chest Fund – ktieb *Colours of the North***

Ġejna infurmati mill-Accountant li, wara l-ħruġ tal-ewwel edizzjoni tal-ktieb Colours of the North, l-eks Segretarju Eżekuttiv kien wiegħed somma ta’ €2,240 lill-Malta Community Chest Fund. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel riċerka fuq l-ispejjeż u l-bejgħ relatati ma’ dan il-ktieb biex jara jekk din il-wegħda kinitx relatata mal-qligħ jew il-bejgħ ta’ dan l-istess ktieb. Wara tfittxija estensiva irriżulta li minkejja li ammont ta’ kotba ġew mgħoddija b’fattura lill-Kunsilli Lokali li dak in-nhar kienu jiffurmaw parti mir-Reġjun, peress li t-tnedija ta’ dan il-ktieb saret biss madwar tliet xhur qabel ma r-Reġjun biddel il-kompożizzjoni tiegħu, xi Kunsilli Lokali rrifjutaw il-kotba u ma xtrawhomx mir-Reġjun, u ġew maħruġa *credit notes*, filwaqt li ħames Kunsilli Lokali minn tnax xtraw il-kotba. L-ispiża totali tal-produzzjoni ta’ dan il-ktieb u l-promozzjoni tiegħu swiet iżjed minn €41,000 u ma sar l-ebda qligħ minnhom.

M’hemm l-ebda dokumentazzjoni li l-proċeduri ta’ procurement ġew eżegwiti jew ta’ xi ftehim li jikkonferma din il-wegħda ta’ donazzjoni.

Qed jiġi propost li, madankollu, nipproċedu billi nagħtu din is-somma lill-Malta Community Chest Fund u nippreżentawha waqt L-Istrina 2024. Il-Kunsilli tal-membri reġjonali huma mistiedna li jattendu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Qed isir stħarriġ fuq il-proċeduri li ġew segwiti għat-tieni edizzjoni ta’ dan il-ktieb bil-Kunsilli Lokali ġodda li jikkomponuh u ser issir laqgħa mal-awtur tal-ktieb.

Wara diskussjoni bejn il-membri u proponiment mis-Sindku Paul Vella ssekondat mill-kunsillier Aiken Zerafa kien hemm qbil unanimu li tingħata d-donazzjoni preċedentament imwedgħa ta’ €2,240 lill-Malta Community Chest Fund.

**6. Business Plan 2024 – 2028 (Abbozz)**

Ġie informat mis-Segretarju Eżekuttiv li dan il-punt ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, wara aġġornament mal-accountant.

**7. Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024**

Ġie informat mis-Segretarju Eżekuttiv li dan il-punt ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, wara aġġornament mal-accountant.

**8. Affarijiet Oħra;**

Ma kien hemm xejn dikuss f’dan il-punt.

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 181 għall-perjodu ta’ bejn l-11 ta’ Ottubru 2024 u l-21 ta’ Novembru 2024. L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent il-Viċi President Dott. Angelo Micallef, issekondata mil-kunsillier Norbert Dalli. Il-membri qablu unanimament.

**10. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta’ filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta’ Diċembru 2024, fejn wara ser jsir team building tal-milied.

Clifford Galea Bjorn Bonello

President Segretarju Eżekuttiv

Approvati illum l-Erbgħa 11 ta’ Diċembru 2024